***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

*ATT DWAR IL-BASTIMENTI MERKANTILI (KAP 234) ART 37,50,158*

*AVVIZ LEGALI 145 TAL-2013*

*RELAZZJONI GURIDIKA*

*JEDD PRIMA FACIE*

*KUMPENS GHAD-DANNI WARA KORRIMENT FUQ BASTIMENT*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## IMHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Digriet tallum it-Tnejn 10 ta' Gunju 2019.

## Rikors Numru: 637/2019/1/LSO

**Duncan Robinson**

**vs**

**Teewinot Marine Malta Limited (C 80077)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors prezentata mir-rikorrenti Duncan Robinson datat is-16 ta' Mejju 2019:

fejn jinghad bil-qima u jigi kkonfermat bil-gurament :

Illi l-esponenti ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tieghu;

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela id-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimati milli jbiegh, tikri, jew titrasferixxi b'xort' ohra l-bastiment Geneive registrat f'Malta bin-numru ta' registrazzjoni 12520 bil-*call sign* 949780 u registrat fit-3 ta' Marzu 2011 u dan stante li fid-29 ta' Gunju 2016, l-attur noe zelaq it-tarag fuq il-Yacht meta impjegat iehor halla xugaman ma' l-art waqt li kien qed jahsel l-art. Minhabba l-incident l-Attur noe qed isofri minn dizabbilita` permanenti sew fiziku u anke psikologiku (Dok D, E, F, G, H) u bhala rizultat ta' din id-dizabbilita` permanenti kellu jtemm l-impjieg tieghu u ma jistax jahdem bhala Kaptan fuq Yacht;

Illi konestwalment ma' dan ir-rikors qed jigi intavolat azzjoni ghad-danni.

Rat id-digriet tas-16 ta' Mejju 2019 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghat-30 ta' Mejju 2019, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tas-socjeta` Teewinot Marine Malta Limited (C-80077) datata 21 ta' Mejju 2019 a fol 35 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-Hamis, 30 ta' Mejju 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr Mifsud ipprezenta affidavit mahluf mir-rikorrent u ghadda kopja tal-istess lid-difensuri tal-kontro parti *seduta stante*. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, Dr Malcolm Mifsud, Dr Abigail Bugeja u Dr John Bugeja, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-mandat giet differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi permezz tar-rikors odjern, l-ezekutant qed jitlob il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra s-socjeta` ezekutata sabiex ma tbieghx, tittrasferixxi jew b'xort ohra tiddisponi mill-bastiment Genieve (sic) registrat f'Malta bin-numru ta' registrazzjoni 12520 bil-*call sign* 949780 u registrat fit-3 ta' Marzu 2011, anke permezz ta' ftehim ta' *charterparty* u dan in kawtela ta' pretensjoni ta' danni subiti minnu waqt incident li sehh meta kien impjegat fuq il-bastiment.

Illi s-socjeta` intimata opponiet ghat-talba *stante* li :

i. It-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

ii. Ir-rikorrent gja ipprezenta talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni *ai termini* tal-**artikolu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta** li giet michuda;

iii. Ma tezisti l-ebda relazzjoni giuridika u kontrattwali mas-socjeta' intimata billi r-rikorrent ma kienx impjegat maghha;

iv. Il-*yacht* in mertu kienet inbieghet mis-socjeta' Teewinot Marine Limited lis-socjeta' intimata fil-11 ta' Lulju 2017. Is-socjeta' Teewinot Marine Limited hija kumpannija inkorporata fil-Cayman Islands u r-rikorrent kien ingaggat ma' dik is-socjeta'.

v. **L-Art 874 tal-Kap 12** ma jippremettix il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex jigi projbit li d-debitur ma jikrix il-proprjeta`.

vi. It-talba tar-rikorrent tirrigwarda *maritime claim* u ghalhekk l-uniku rimedju huwa skont l-artikolu 37 tal-Kap 254 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa diga ezawrixxa dan ir-rimedju

**<u>Il-Fatti</u>**

Illi l-fatti li jemergu mill-atti juru li r-rikorrent, b'kuntratt datata id-19 ta' Mejju 2016, kien impjegat bhala Relief Captain ma' Macmaster Yachts Crew Employment Limited, kumpannija registrata fil-British Virgin Islands li kienet ingaggjata biex tipprovdi l-ekwipagg fuq il-bastiment Genevieve ghas-sid Teewinott Marine Limited, kumpannija registrata fil-Cayman Islands. Il-kuntratt kien soggett ghal terminu li jiskadi fis-6 ta' Settembru 2016. Mhuwiex

ikkontestat f'dan l-istadju, li r-rikorrent wegga' waqt il-kors tal-impieg tieghu fuq il-bastiment.

Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors giet intavolata azzjoni ghad-danni.

**IL-KUNTRATT TA' INGAGG**

Skont dan il-kuntratt (para 3.4) "*In the event of the Relief Captain's death or long term disability <u>due to an occupational injury,.....</u>he will be entitled to compensation the levels of which will be detailed <u>within the vessels' applicable insurance policy</u>."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Inoltre permezz tal-artikolu 6.1. taht il-kapitolu *Insurance,* insab stipulat li s-sid tal-bastiment ghandu assigura li l-membri tal-ekwipagg huma assigurati kontra, *inter alia*, ghad-danni igarrba waqt l-impieg.

**Dritt:**

Illi skont il-formola utilizzata, jidher li l-mandat qed jintalab a tenur tal-artikolu 873 tal-Kap 12.

Skont l-**artikolu 873(1) tal-Kap 12**, l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat. **Skont l-artikolu 873(2) tal-Kap 12,** il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-

jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Ghalhekk, bil-ligi, jehtieg li jigu sodisfatti zewg kriterji. L-ewwel kriterju hu li jrid juri li l-mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi minnu, tant li bin-nuqqas tal-hrug tieghu ir-rikorrent ser isofri pregudizzju.[1] It-tieni kriterju hu li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.[2]

Il-htiega li jintwera li l-parti li titlob il-hrug ta' mandat bhal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretizi hija htiega oggettiva u mhux soggettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant. Ikkonsidrat li mill-istess kliem tal-ligi, z-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn l-elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat bhal dak. Illi din hi procedura intiza biex titqies bhala wahda sommarja billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti f'dan l-istadju dak kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh ta' kawza dwar l-istess jedd.

Jigi dedott, li l-mandat ta' inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. L-istharrig li jrid isir mill-Qorti f'talba bhal din huwa dak, jekk minghajr il-hrug tal-mandat, il-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli.

---

[1] Ara f'dan is-sens "**Grech *proprio et nomine* vs Manfre`**" – A.C. – deciza fl-14 ta' Lulju 1988 Vol. LXXII.ii.290; u "**40 Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar**" (P.A. (RCP) – deciza fit-2 ta' Novembru 2010).
[2] Ara f'dan is-sens "**Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**", P.A. (TM) deciza fil-5 ta' Gunju 2003.

**Jedd '*Prima Facie*'**

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, ikkonsidrat li r-rikorrent ghandu jipprova, almenu *prima facie* li ghandu jedd x'jinvoka kontra l-intimat ezekutant. Mhuwiex bizzejjed li juri li ghandu dritt tutelabbli, imma li dak id-dritt huwa tutelabbli kontra min hu debitur tieghu. Fin-nuqqas, l-intimat ma jkunx il-legittimu kontradittur tal-mandat. Ovvjament huwa bizzejjed li dan in-ness giuridiku jissussisti mad-daqqa t'ghajn ghaliex din il-Qorti hija prekluza milli tindaga b'mod aktar approfondit dak li jispetta lill-Qorti adita mill-kawza.

Illi n-nuqqas ta' relazzjoni giuridika hija l-qofol tal-kwistjoni quddiem din il-Qorti, kif jirrizulta mir-risposta tas-socjeta' intimata u minn dak sottomess mill-partijiet fit-trattazzjoni ta' dan il-mandat.  Ghalhekk din il-Qorti ser tinvestiga din l-eccezzjoni *in limine.*

Illi fit-trattazzjoni, id-difensur tar-rikorrent issottometta li l-jedd li qed jivvanta *prima facie* huwa wiehed ibbazat fuq azzjoni ghad-danni. Fil-kaz odjern id-danni reklamati gewe ikkagunati fil-kors tal-impieg tar-rikorrent u allura tali azzjoni tista' temani kemm mill-kuntratt ta' impieg, kif ukoll, minn  azzjoni ta' *tort*. Illi kif gja premess, jirrizulta li r-rikorrent gie ingaggat mis-sid antecedenti tal-bastiment. Id-difensur tieghu argumenta li s-socjeta' intimata, registrata f'Malta, ghandha l-istess *ultimate beneficial owner,* (UBO) imma kif korrettement sottomess mid-difensur tas-socjeta' intimata, ma tressqet l-ebda prova imqarr *prima facie* fir-rigward. Ghaldaqstant din il-Qorti tabilfors trid tqies li s-

socjeta' intimata hija entita giuridika distinta u separata mis-socjeta' fil-Cayman Islands.

Ir-rikorrenti jghid li ghandu jedd kontra l-bastiment minnkejja li l-bastiment kien inbiegh wara li sehh l-incident.

**L-artikolu 37(10) tal-Kap 254 jiddisponi hekk:**

"(10) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu:
*(a) dritt f'bastiment jew dwaru jew parti minnu ikun pretensjoni:*
*(i) msejjes fuq dritt ta' proprjetà; jew*
*(ii) garantit b'ipoteka navali; jew*
*(iii) garantit b'xi piż li jkun reġistrat; jew*
*(iv) garantit bi privileġġ jew pleġġ fuq il-bastiment li jitnissel mill-operat tal-liġi Maltija jew tal-liġi li tapplika għall-pretensjoni; jew*
*(v) kull pretensjoni oħra li tnissel pretensjoni in rem kontra bastiment taħt il-liġi Maltija."*

Irrizulta mit-trattazzjoni jirrisulta li r-rikorrent gja ttenta talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni abbazi ta' dan l-artikolu izda din giet michuda ghaliex it-talba giet ipprezentata *fuori termine.*

Illi ghalhekk it-talba odjerna tabilfors trid titqies fl-ambitu tar-regoli ohra, jekk applikabbli.

Ikkonsidrat li l-**Att Dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap 254 tal-Ligijiet ta' Malta)** hija *lex specialis* fir-rigward ta' dak li

jolqot l-aspetti konnessi mal-bastimenti merkantili. Ghaldaqstant id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att huma applikabbli sakemm l-Att stess ma jiddisponix mod iehor.

Illi skont l-**artikolu 158 tal-Att** r-responsabbilita' ghall-kumpens ghall-korrimenti fuq il-bastiment imgarrba minn membri tal-ekwipagg tinkombi fuq is-sid tal-bastiment **.**

Illi skont **l-Avviz Legali 145 tal-2013** (Merchant Shipping Maritime Labour Convention Rules, 2013)[3] li jimplementa "Council Directive 2009/13/EC" kif ukoll il-Maritime Labour Convention iffirmata f'Geneva fis-7 ta' Frar, 2006, u li japplika ghall-bastimenti u ingenji tal-bahar registrati f'Malta:

***"shipowner" or "owner"*** *means the owner of the ship or another organisation or person such as the manager, or the bareboat charterer, who has assumed the responsibility for the operation of the ship from the owner and who, on assuming such responsibility, has agreed to take over the duties and responsibilities imposed on shipowners in accordance with these rules;"*

Madanakollu huwa minnu wkoll li skont l-**artikolu 50 tal-istess Att** "*Il-krediti speċifikati hawn taħt jiġu garantiti permezz ta' privileġġ speċjali fuq il-bastiment kif ukoll fuq*

[3] Difatti dan l-Avviz Legali jirregola *inter alia* l-obbligazzjonijiet u r-responsabbilitajiet tas-sid tal-bastiment, kif fuq definit, lejn membri tal-ekwipagg f'kaz li jwegghu b'rizultat tax-xoghol taghhom. (**Reg 112)** fuq bicciet tal-bahar.

*kull dħul minn xi indennizz li jinħoloq minn kolliżjonijiet u disgrazzji oħra magħdud kull dħul mill-assigurazzjoni:*

*" (i) danni u imgħaxijiet dovuti lil xi baħri għal mewt jew korriment tal-persuna u spejjeż li jsir f'konnessjoni mal-marda, weġgħa jew korriment ta' xi baħri."*

Bl-applikazzjoni tal-**artikolu 37(D)(3) tal-Att**, il-privileġġi speċjali msemmija fl-artikolu 50 ma jispiċċawx mal-bejgħ tal-bastiment, hlief fil-kaz ta' bejgh fuq ordni tal-Qorti jew ta' bejgh volontarju jekk ikun ghadda perjodu ta' sena mid-data tar-registrazzjoni, dokumentazzjoni jew annotazzjoni ta' dak il-bejgh volontarju.

Illi r-rikorrent ma gabx prova li l-azzjoni tieghu tirrientra fil-kondizzjonijiet stabbiliti b'dawn l-artikoli. Anzi jirrizulta mill-atti esebiti li l-*yacht* kummercjali Genevieve inbieghet lis-socjeta` intimata fil-11 ta' Lulju 2017 meta l-azzjoni ghad-danni giet intavolata fis-16 ta' Mejju 2019.

Tissenjala li r-rikorrent ma ressaq l-ebda prova *prima facie* in sostenn tat-tezi tieghu li din il-Qorti ghandha tikkonsidra liz-zewg kumpanniji bhala entita wahdanija ghall-finijiet tat-talbiet tieghu u ghalhekk it-talba odjerna qed tigi michuda fil-limiti ta' din il-konsiderazzjoni.

Gjaladarba ma giex ippruvat l-element tal-jedd *prima facie* fil-konfront tal-ezekutat, din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn

tkompli tistharreg din it-talba billi l-elementi imposti mil-ligi huma kumulattivi.

**Degretat**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti, filwaqt li tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tas-16 ta' Mejju 2019 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament, u konsegwentement tichad it-talba in kwantu ma jezistux l-elementi mehtiega ghall-hrug ta' dan il-mandat.**

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**10 ta' Gunju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**10 ta' Gunju 2019**